MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1836/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Oliver Anthony Blackwell u l-istess Oliver Anthony Blackwell**

**Vs**

**Anthony Theuma**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u hamsa w erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm945.36c) rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura ta' Oliver Anthony Blackwell bin-numru ta' registrazzjoni BAI 606 f'incident stradali li sehh fl-14 t'April, 2003 fi Triq il-Kbira,

San Guzepp kantuniera ma' Triq Schembri, l-Hamrun waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAL 073. Il-vettura ta' l-attur kienet dak il-hin misjuqa minn Mary Louise Blackwell.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghax ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti l-eccipjent. Fi kwalunkwe kaz l-atturi jridu jippruvaw il-quantum minnhom reklamat.

Sema' x-xhieda ta' PS 1212 Carmel Zerafa, Philip Zammit, David Debono, Mary Louise Blackwell, Marilyn Chircop, Anthony Theuma, Keith Blackwell, PS 431 Mario Montesin u ta' Mark Pisani.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Nicolai Muscat Farrugia ghall-atturi u ta' Dr Simon Micallef Stafrace ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Mary Louise Blackwell kienet qeghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAI 606 fi Triq San Guzepp, il-Hamrun bl-intenzjoni li tibqa' miexja ghad-dritt. Il-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAL 073 u kien gej mid-direzzjoni opposta u meta gie vicin Triq Emanuel Schembri jigifieri dik it-triq li taghti lejn il-Mile End ossija l-Istadium Victor Tedesco, huwa qasam biex jaqbad din is-*side road*. Blackwell tghid illi hija kienet miexja ghad-dritt u kienet qeghda ssuq b'mod regolari meta f'daqqa wahda l-karozza l-ohra, cjoe' dik misjuqa mill-konvenut li kienet miexja bil-mod hafna u gejja mid-direzzjoni opposta, kisret ghal quddiemha. Meta hija rat hekk hi ghafset il-*brake* izda xorta wahda sehhet il-kollizjoni. Il-konvenut xehed illi qabel l-incident, huwa nnota dawl ta' karozza pero' huwa deherlu li din kienet gejja mill-boghod u kkalkula li seta' jghaddi. Huwa jghid li ma rax il-karozza attwali qabel ma sehhet il-kollizjoni. F'hin minnhom il-konvenut anki xehed illi l-karozza misjuqa minn Blackwell setghet kienet

qeghda taghmel manuvra ta' *overtaking*. Ix-xhud prodott mill-konvenut, anzi jghid illi qabel ma sehhet il-kollizjoni ghaddiet vettura ohra minn quddiemhom u li l-konvenut kien cedilha biex tghaddi.

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti brani tal-**Highway Code** li ghandhom relevanza ghall-kaz odjern:

**"206.** Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Always signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn.

**212.** Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way over traffic crossing, joining or leaving the major road."

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi prodotti w anki l-isketch u d-dokumenti esebiti u huwa tal-fehma illi r-responsabbilta' unika ghall-kollizjoni huwa s-sewqan tal-konvenut li kien qed jaqsam il-karreggjata ta' l-attrici u ma hax prekawzjonijiet xierqa w opportuni. Il-kawza prossima tal-kollizjoni huwa l-fatt li l-konvenut qasam quddiem il-vettura misjuqa minn Blackwell. Blackwell malli rat din il-vettura tal-konvenut, ghafset il-*brake* izda xorta wahda sehhet il-kollizjoni.

Hemm allegazzjoni li Blackwell kienet qeghda ssuq bi speed eccessiv izda, apparti l-fatt li din il-prova ma tirrizultax, jidher ukoll illi l-kawza prossima tal-kollizjoni ma kienetx l-ispeed ta' Blackwell izda kien il-fatt li l-konvenut qabad u qasam quddiemha. Il-konvenut, qabel ma qasam lejn il-lemin tieghu, jigifieri biex jaqsam il-karreggjata tal-karozzi gej mid-direzzjoni opposta kien obbligat li jaccerta li jista' jaghmel tali manuvra liberament u minghajr ebda xkiel u minn ezami tax-xhieda tieghu, jidher li huwa ma kienx qed izomm *a proper lookout* tant illi huwa *ex admissis* afferma li ma rax il-vettura qabel il-kollizjoni. Huwa jghid li ra dawl mill-boghod hafna izda certament, il-fatt li l-konvenut fl-istess nifs jghid li ma rax il-vettura l-

ohra jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout*. It-triq fejn sehhet il-kollizjoni hija triq dritta u z-zewg sewwieqa kellhom vizwali tajba. Blackwell giet rinfaccata b'emergenza subitanea u ghalkemm ghafset il-*brake*, ma setghet taghmel xejn aktar biex tipprova tevita l-kollizjoni.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, dawn gew debitament ippruvati, kemm mid-dokumenti esebiti kif ukoll mix-xhieda tas-*surveyor* u tar-rapprezentant ta' l-assigurazzjoni attrici u ghalhekk jisthoqq li dawn jigu wkoll milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannah sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u hamsa w erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm945.36c) bl-ispejjez. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------